**17 ta' April, 1989**

**Imħallef: –**

**Onor. Prof. Wallace Ph. Gulia B.A., LL.D. B.Sc., Ph.C., M.A.(Admin)(Manch) D.P.A.(Lond)**

Il-Pulizija

*versus*

Felix Agius u Harold John Walls

## Digriet Interlokutorju – Att Dwar l-Istampa – Appellabilità

*Il-kelma "deċiżjoni" użata fl-art. 50 tal-Press Act għandha tiftiehem għas-sentenzi biss u mhux ukoll għad-digrieti interlokutorji. Konsegwentement għal tali digriet jibqa' japplika l-art. 415 tal-Kodiċi Kriminali.*

Il-Qorti: –

Rat is-sentenza tal-Qorti Kriminali tal-Maġistrati, tal-Pulizija Ġudizzjarja għall-Gżira ta' Malta ta' l-24 ta' Ottubru, 1988 fl-ismijiet Il-Pulizija kontra Felix Agius u Harold John Walls (fuq l-imputazzjoni magħmula kontra l-imputati talli f'dawn il-Gżejjer bħala Editur u Stampatur rispettivament tal-gazzetta l-Orizzont fil-ħarġiet tad-29 u 30 ta' Ġunju, 1988, bil-publikazzjonijiet "Umiljati" u "Fenech Adami insista li l-Kaptan Harris jigdeb" li dehru fil-ħarġa tad-29 ta' Ġunju 1988, u l-kumment editorjali "Fabbrikanti ta' gideb faħxi" li xxandar fil-ħarġa tat-30 ta' Ġunju, 1988, li kopji tagħhom jinsabu annessi ma' u bħala formanti parti miċ-ċitazzjoni bħala dokumenti "A" u "AA", dolożament xerrdu aħbarijiet foloz li jistgħu jallarmaw l-opinjoni pubblika jew jiddisturbaw il-bon-ordni jew il-paċi pubblika jew jistgħu joħolqu aġitazzjoni fost il-pubbliku jew fost ċerti klassijiet tal-pubbliku u barra dan taw malafama lill-Onorevoli Prim Ministru Dottor Eddie Fenech Adami, B.A., LL.D., M.P., billi attribwewlu fattijiet determinati bi skop li joffendu l-unur u l-fama tiegħu jew li jesponuh għar-ridikolu u għad-disprezz tal-pubbliku bi ksur ta' l-artikolu 9 u 11(a) ta'

l-Att dwar l-Istampa) li biha ddeċidiet li tirregola l-provi li għandhom jinġiebu f'din il-kawża bil-mod segwenti:

(a) Stante li ngħatat l-*exceptio veritatis* id-difiża trid tibda bil-provi;

(b) Meta tispiċċa d-difiża mill-provi tagħha, ikun imiss lill-Prosekussjoni li tagħmel il-provi;

(ċ) Wara li l-prosekuzzjoni tispiċċa l-provi d-difiża jkollha d-dritt li ġġib provi tagħha relattivi biss għall-ewwel akkuża (tixrid ta' aħbarijiet foloz) li ma jkunux inġiebu qabel, liema provi għandhom iservu biss għal din l-akkuża;

Rat ir-rikors ta' l-appell ta' l-imputati;

*Omissis;*

Rat in-nota ta' l-osservazzjonijiet tal-partijiet;

Ikkunsidrat illi dik li s'issa kulħadd (din il-Qorti inkluża) qed jirreferi għaliha bħala sentenza, ma hi sentenza xejn, iżda digriet interlokutorju dwar l-andament tal-ġbir tal-provi, li ma jżommx il-kawża milli timxi 'l quddiem. Dan għadu biss il-bidu tal-proċeduri quddiem l-ewwel Onorabbli Qorti li għad trid tisma' l-kawża kollha u wara tasal għas-sentenza tagħha. Il-Kodiċi Kriminali fl-artikolu 415(1) jagħmel il-pożizzjoni ċara;

"L-appell minn digriet interlokutorju li ma jżommx il-kawża milli titmexxa 'l quddiem, jista' jsir biss wara s-sentenza definittiva, u flimkien ma' l-appell *minn din is-sentenza*";

Dwar is-sottomissjoni li saret li dan id-digriet jammonta għal deċiżjoni tal-Qorti u konsegwentement huwa appellabbli a tenur ta' l-artikolu 50 tal-*Press Act,* billi dak l-artikolu jikkontempla kull deċiżjoni tal-Qorti tal-Maġistrati tal-Pulizija Ġudizzjarja dwar reat kontra dak l-Att, u ma jagħżilx bejn sentenzi u digrieti interlokutorji, il-Qorti kkunsidrat illi l-kwistjoni mhix faċli daqskemm tidher. L-art. 415 tal-Kodiċi Kriminali huwa kategoriku wisq u qiegħed fil-kontest speċifiku ta' l-Appelli Kriminali. Konsegwentement il-kliem ġenerali ta' l-art 50 tal-*Press Act* waħdu ma jistax jittieħed bħala emenda tal-proċeduri speċjali ta' l-appell kriminali, speċifikament ikkontemplati fil-Kodiċi, iktar u iktar li dak l-artikolu 50 tal-*Press Act* juża l-frażi "*party convicted*"/"il-persuna misjuba ħatja" kkontemplata fl-ewwel inċiż ta' l-artikolu 413 tal-Kodiċi Kriminali li kif jingħad fl-artikoli immedjatament wara jiddistingwi ċar bejn sentenzi u digrieti interlokutorji. Li kieku l-artikolu 50 tal-*Press Act* kien ikkontemplat biex jagħti d-dritt ta' l-appell minn digrieti interlokutorji ukoll, kif jissottomettu l-appellanti, fid-dawl tal-kliem ċar ta' l-artikolu 415 tal-Kodiċi Kriminali kellu jkun wisq aktar ċar milli sempliċement jitfa' mas-saqajn il-kelma "deċiżjoni" biex tkun tista' sseħħ il-pretensjoni ta' l-appellanti. U għalhekk fil-kontest ta' l-artikolu 50, il-kelma deċiżjoni għandha tiftiehem għas-sentenzi biss u mhux ukoll għad-digrieti interlokutorji;

Konsegwentement ma jidhirx li hemm appell minn dan id-digriet f'dan l-istadju u l-Qorti tastjeni milli tieħu konjizzjoni ulterjuri ta' dawn il-proċeduri u tirrinvijahom lill-ewwel Onorabbli Qorti għall-kontinwazzjoni tal-kawża quddiemha fit-termini ta' l-imsemmi artikolu 415 tal-Kodiċi Kriminali, u tad-deċiżjoni tagħha ta' l-24 ta' Ottubru, 1988.